# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tal-lum it-Tnejn 25 ta' Settembru, 2023

**Rikors Numru:322/2022 MH**

**Numru 5**

**Fl-Atti ta' l-Ittra Uffiċjali Numru 909/2022**

**fl-ismijiet**

**Grenke Renting Limited**

**Vs**

**Haber 16 Ltd u Justin**

**Haber**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ai terminu tal-proviso ta' l-artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta datat 11 ta' April, 2023 li jaqra:-

*"Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jirrimarka li f'dan l-istadju l-provi tieghu gew maghluqa mill-Onorabbli Qorti fis-seduta tas-26 t'Ottubru, 2022;*

*Illi fit-tieni lok, din il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali ghat-23 ta' Mejju 2023 stante li l-Avukati tar-rikorrenti rrinunzjaw ghal kontro ezamijiet;*

*Illi fid-data u l-hin tas-seduta precedenti, l-esponenti kien qieghed fl-Awla tal-Onor. Imhallef Toni Abela f'kawza ohra, ossia f'Grenke Renting Limited vs*

*Haber 16 Limited 322/2022, fejn din il-Qorti giet gentilment infurmata b'dan il-fatt minn amicus curiea;*

*Illi minkejja li l-esponenti ma kellux provi iktar xi jressaq, huwa xtaq li dakinhar tas-seduta jwassal ghal konjizzjoni tal-Onorabbli Qorti li mid-data tal-ahhar seduta huwa hallas lil ;*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti qieghed jannetti l-ircevuti relevanti, hawn mmarkati* ***Dok A u B****;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti filwaqt li jiskuza ruhhu ghall-assenza tieghu mill-ahhar seduta ghar-ragunijiet premessi, jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti tikkunsidra dawn il-hlasijiet u dan taht dawk il-provedimenti li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timpon."*

Rat id-digriet tagħha datat 3 ta' Mejju, 2023.[1]

Rat ir-risposta għall-istess datata 30 ta' Mejju, 2023,[2] fejn ġiet opposta t-talba li taqra:-

1. *"Illi din hija risposta għar-rikors tal-11 ta' April 2022 permezz ta' liema r-rikorrenti talbu lil dina l-Onorabbli Qorti tissospendi l-esekuzzjoni ta' kambjali;*

2. *Illi in linea preliminari, jiġi rilevat illi l-proċeduri odjerni ġew ippreżentati fuori termine u ċioe` wara t-terminu ta' għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali kif stipulat fl-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante illi r-rikorrenti Haber 16 Ltd ġiet notifikata fl-10 ta' Marzu 2022 filwaqt li r-rikors ġie ppreżentat fil-11 ta' April 2022. Madanakollu huwa paċifiku illi l-istess Justin Haber għandu jitqies wkoll bħala notifikat personalment, tant illi ppreżenta r-rikors odjern f'ismu wkoll;*

[1] Folio 10
[2] Folio 15

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjeta` esponenti qiegħda tirrespinġi bis-saħħa kollha l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors tagħhom bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għar-raġunijiet illi ser jiġu elaborati;*

4. *Illi l-esponenti tiċħad l-allegazzjoni illi kisret il-ftehim li kellha mar-rikorrenti. Dawn il-proċeduri m'huma xejn għajr tentattiv frivolu u vessatorju sabiex ir-rikorrenti jibqgħu jevadu l-obbligi tagħhom għall-ħlas tal-ammont dovut minnhom lis-soċjeta` esponenti u dan kif jirriżulta mill-ftehim bejn il-kontendenti datat it-8 ta' Novembru 2021 (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala* **Dok. GR1***) u l-kambjali in kwistjoni, kif ukoll mill-addendum datat id-9 ta' Novembru 2021 (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala* **Dok. GR2***);*

5. *Illi fil-fatt, ir-rikors tar-rikorrenti jagħtu stampa qarrieqa ta' kif ġraw l-affarijiet, u jittentaw jargumentaw li l-esponenti rrifjutat li taċċetta ħlas li ilha snin tipprova tiġbor mingħand ir-rikorrenti. Fid-dawl tal-allegazzjonijiet illi qed jiġu magħmula, sejjer jingħata wkoll sfond qasir ta' dak li wassal għall-iffirmar tal-kambjali in kwistjoni u tal-fatti kif ġraw verament:*

   a. *Il-partijiet kienu iffirmaw ħames (5) kuntratti ta' kiri, permezz ta' liema, r-rikorrenti kienu krew diversi mobbli mingħand is-soċjeta` esponenti. Sussegwentement, ir-rikorrenti waqgħu morużi fil-pagamenti tal-kera, u s-soċjeta` esponenti pproċediet sabiex tittermina il-kuntratti msemmijin;*

   b. *Konsegwentement, is-soċjeta` esponenti pproċediet b'żewġ kawżi quddiem iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta fl-ismijiet 'Grenke Renting Ltd vs Haber 16 Ltd et' (numru 6021/2020) u 'Grenke Renting Ltd vs Justin Haber' (numru 6024/2020), u ppreżentat żewġ Mandati ta' Sekwestru kawtelatorji bin-numru 1128/2020 u 1132/2020 fl-ismijiet 'Grenke Renting Ltd vs Justin Haber' u 'Grenke Renting Limited vs Haber 16 Ltd u Justin Haber' rispettivament, kif ukoll żewġ*

*Mandati ta' Qbid kawtelatorji bin-numru 1127/2020 u 1129/2020 fl-ismijiet 'Grenke Renting Ltd vs Haber 16 Ltd u Justin Haber' u 'Grenke Renting Ltd vs Justin Haber';*

c. *Wara li ġew intavolati l-imsemmija proċeduri, ir-rikorrenti aċċettaw illi jħallsu s-sorte u l-ispejjeż mitluba mis-soċjeta` esponenti, iżda talbu illi jitneħħew il-mandati u li jingħataw żmien sabiex jeffettwaw dan il-ħlas;*

d. *Sussegwentement, il-partijiet daħlu fi ftehim ta' transazzjoni datat it-8 ta' Novembru 2021 (**Dok. GR1)** permezz ta' liema, r-rikorrenti ingħataw benefiċju ta' żmien sabiex iħallsu l-ammont ta' sittin elf Ewro (€60,000) f'sitt pagamenti kif stipulat fl-imsemmi ftehim, ossia bl-ewwel instalment ikun dovut dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratt ta' transazzjoni filwaqt li l-bqija tal-instalments kienu dovuti fl-aħħar tax-xhur ta' Jannar 2022, Ġunju 2022, Jannar 2023, April 2023 u Lulju 2023;*

e. *Kontestwalment mal-ftehim preċitat, ġew iffirmati ħames kambjali sabiex jiggarantixxu l-pagamenti li kellhom ikunu dovuti fl-aħħar tax-xhur ta' Jannar 2022, Ġunju 2022, Jannar 2023, April 2023 u Lulju 2023;*

f. *Dakinhar tal-iffirmar tal-ftehim, nonostante illi r-rikorrenti kellhom jgħaddu pagament ta' għaxart elef Ewro (€10,000), ir-rikorrenti Justin Haber ippreżenta ruħu fl-uffiċju tar-rappreżentanti legali tas-soċjeta` esponenti b'cheque maħruġ minn terza persuna u li allura ma kienx cheque ta' xi wieħed mir-rikorrenti. Peress li tali terza persuna li allegatament ħarġet u ffirmat dan ic-cheque favur l-esponenti ma kinitx presenti meta kellu jsir dan il-ħlas u lanqas ma kien hemm evidenza dwar kif cheque ta' terza persuna kien f'idejn ir-rikorrenti, ir-rappreżentant tas-soċjeta` esponenti infurmaw lir-rikorrenti illi l-esponenti ma kinitx f'pożizzjoni illi taċċetta dan iċ-cheque mingħajr ebda verifiki;*

g. *In vista ta' dan, Justin Haber ipprometta illi kien ser jiġi lura b'cheque ieħor maħruġ minnu, iżda informa lill-esponenti li kellu bżonn ftit aktar żmien. Għalhekk reġa ġie ffissat appuntament mar-rikorrenti għall-ġurnata ta' wara, ossia d-9 ta' Novembru 2021, waqt liema laqgħa ġie ffirmat addendum għall-ftehim ta' transazzjoni (***Dok. GR2)*** *sabiex jiġi regolat il-ħlas ta' dan il-pagament ta' għaxart elef euro illi skont l-iskrittura tat-8 ta' Novembru 2021 kellu jsir mal-iffirmar tal-istess iskrittura. Skont l-addendum tad-9 ta' Novembru 2021, ir-rikorrent intrabat illi jagħmel dan il-pagament sal-15 ta' Novembru 2021. In oltre`, ġiet wkoll iffirmata kambjala addizjonali li tiggarantixxi dan il-ħlas ta' għaxart elef Ewro (€10,000);*

h. *Ir-rikorrenti ma' għaddewx dan il-pagament, anke wara ġew interpellati permezz ta' ittra legali datata 6 ta' Diċembru 2021 (kopja ta' liema hija annessa u mmarkata* **Dok. GR3***). Sussegwentement, lanqas ma għaddew il-pagament li kellu jitħallas entru l-aħħar ta' Jannar 2022;*

6. *Illi filwaqt illi huwa minnu li kreditur ma jistax jirrifjuta pagament mingħand terz għall-benefiċju tad-debitur tiegħu, kif ġie spjegat, tali pagament ma sarx mit-terz, u l-esponenti ma tafx kif dan ic-cheque allegatament maħruġ minn terz, kien fil-pussess tar-rikorrenti;*

7. *Illi tenut kont tar-responsabbilitajiet tas-soċjeta` esponenti fl-ambitu tar-regolamenti kontra il-money laundering, is-soċjeta esponenti ma tistax tirċievi flejjes mingħand persuni mhux magħrufa mingħajr konfermi ta' xejn. Apparti hekk, l-ebda bank mhu ser isarraf cheque maħruġ minn terza persuna illi ma għandha l-ebda konnessjoni u li qatt ma kkomunikat mal-esponenti, mingħajr ma jingħataw konfermi mingħand tali terz illi l-pagament kien qed isir bil-kunsens tagħhom għan-nom tar-rikorrenti;*

8. *Illi mingħajr preġudizzju, li kieku r-rikorrenti dehrilhom illi l-pagament in kwistjoni ġie rifjutat inġustament, setgħu ddepożitaw l-istess taħt l-awtorita` tal-Qorti, iżda dan m'għamluhx, u minflok, naqsu milli jħallsu*

*wkoll it-tieni pagament, u kien biss konvenjentement meta l-esponenti ppročediet bl-ittra uffičjali għall-eżekuzzjoni tal-kambjali illi ppročedew bir-rikors biex jilmentaw li allegatament il-pagament tagħhom ġie rifjutat;*

9. *Illi in ogni kaz, dato ma non concesso li l-esponenti ma kelliex jedd tirrifjuta dan c-cheque in kwistjoni, din il-kwistjoni ġiet ratifikata meta il-ġurnata ta' wara, ġiet iffirmata kambjala ġdida sabiex tirregola l-ħlas ta' dan l-ammont. Apparti hekk, l-argument tar-rikorrenti fejn qed jipprovaw iwaqqfu l-esekuzzjoni ta' kambjala li ma kienitx għada iffirmata meta dan ic-cheque ġie rifjutat, ma jagħmel xejn sens;*

10. *Illi l-esponenti kellha kull dritt skont il-ftehim ta' bejn il-partijiet (**Dok. GR1** u **GR2**) illi tippročedi bl-eżekuzzjoni immedjata tal-kambjali stante li n-nuqqas ta' ħlas da parti tar-rikorrenti wassal għat-telf tal-benefiċju taż-żmien konċess lir-rikorrenti. Fil-fatt, l-ewwel klawsola tal-ftehim tat-8 ta' Novembru 2021 tispeċifika illi "notwithstanding the fact that the Debt is certain, liquid and due as at the date of this Agreement, without prejudice to the Creditor's rights according to law, the Creditor is conceding the benefit of time for the payment of the Debt in instalments"*

11. *Illi l-istess ftehim jipprovdi illi kemm-il darba r-rikorrenti jonqsu milli jħallsu xi wieħed minn dawn il-pagamenti jew l-ispejjeż ġudizzjarji, il-benefiċċju taż-żmien lilhom konċess kien ser jintilef u l-ammont ta' sittin elf Ewro (€60,000) kellu jkun dovut immedjatament. Fil-fatt, il-kambjali huma pagabbli a vista;*

12. *Illi huwa għalhekk argument frivolu dak tar-rikorrenti fejn qed jallegaw li l-esponenti qed tuża l-kambjali bħala "magna ta' estorsjoni". Ir-raġunijiet serji u gravi li qed jilmentaw bihom ir-rikorrenti effettivament huwa it-telf tal-benefiċċju taż-żmien illi huwa konsegwenza tan-nuqqas ta' ħlas minn naħa tagħhom. Ma jistgħux b'hekk ir-rikorrenti jippretendu illi jieħdu xi vantaġġ u japprofittaw ruħhom min-nuqqas tagħhom stess illi jħallsu dak dovut minnhom;*

13. *Illi tant huwa hekk, illi r-rikorrenti lanqas tal-anqas ħallsu l-ewwel żewġ pagamenti, u bil-wiċċ tost, qed jippretendu illi lanqas dawn ma jħallsu. Pessima ipotesi, anke jekk b'xi tiġbid ta' immaġinazzjoni ir-rikorrenti jistgħu jargumentaw li ma tilfux il-benefiċċju taż-żmien lilhom konċess wara li naqsu milli jħallsu dawn iż-żewġ pagamenti, ma jistgħux jitolbu t-twaqqif tal-esekuzzjoni tal-ewwel żewġ kambjali relattivi għall-istess żewġ pagamenti. Kwindi, huwa ċar illi dak li qed jippretendu r-rikorrenti huwa sempliċiment li ma jħallsu xejn;*

14. *Illi skont il-ġurisprudenza nostrana, fosthom fil-kawża fl-ismijiet Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi*[3]*, il-fatt li l-liġi ma tispeċifikax x'inhuma r-raġunijiet gravi mhuwiex xi nuqqas tal-leġislatur, iżda sar "intenzjonatament għax il-leġislatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet ikollha quddiemha l-Qorti għandha tilqa' t-talba jew le. Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċożament topponi tali eżekuzzjoni."*

15. *Illi in vista ta' dak li ngħad, jirriżulta b'mod inekwivoku illi r-rikors odjern huwa fieragħ, vessatorju u abbużiv, intiż biss sabiex ir-rikorrenti jkomplu jirbħu ż-żmien bi preġudizzju għas-soċjeta` esponenti;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, is-soċjeta` esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja dawk il-provvedimenti u dikjarazzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhirilha xierqa u opportuni, tiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti".*

Rat id-dokumenti kollha esebiti, ukoll l-attti kollha ta' dawn il-proċedura.

Semgħet id-debita trattazzjonijiet.

---

[3] Deċiża 5 ta' Frar 2008.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proċeduri huma tali u ntiżi biex jissospendu l-eżekuzzjoni ta' diversi kamjali ndikati fir-rikors promotur.

In tematika fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Silvio Buttigieg vs Ahmed Abdul Karim**[4] ingħad dan dwar l-elementi li jirregolaw din l-azzjoni:-

*"L-azzjoni odjerna qegħda ssir a tenur tal-artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li fost oħrajn jipprovdi hekk –*

*"253.Huma titoli esekuttivi – (.......) (e) kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ: B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ."*

*Dwar din il-materja ġew pronunzjati diversi sentenzi mill-Qrati. Fil-każ fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2784/13 fl-ismijiet* ***Joseph Mamo vs Joseph Zammit*** *deċiż fil-15 ta' Lulju 20149 intqal hekk:*

*"Fis-sentenza tagħha tal-4 ta` Frar 1907 fil- kawża "Francesco Zammit noe vs Paolo Scicluna noe" il-Qorti tal-Kummerċ qalet hekk – "secondo la pratica di questi tribunali il pagamento di una cambiale accettata e scaduta viene sempre ordinato quando le eccezzioni siano tali da richiedere lunga indagine sotto quella cautela che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno". Dan il-pronunzjament jirrifletti dak li jgħid l-Art 198(2) tal-Kap 13, u ċioe` illi jekk ikun*

[4] Rikors Nru.: 891/2017 MH Illum, 11 ta' Diċembru,2019

*hemm eċċezzjonijiet kontra l-ħlas tal-import ta` kambjali, u dawk leċċezzjonijiet ikunu jinħtiegu ezami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma. Din id-disposizzjoni għadha fis-seħħ minkejja dak illi jgħid il-proviso tal-Art 253(e) tal-Kap 12 u għalhekk il-Qorti għandha tagħtiha il-qies dovut meta tkun sejra tagħti provvediment skond il-proviso tal-Art 253(e) tal-Kap 12."*

*Fil-każ Tal-Ħerba Construction Limited vs SMW Cortis Limited et deċiż fis-7 ta' Novembru 201310 intqal:*

*"Issa, kif dejjem ritenut minn dawn il-Qrati, l-awtonomija tal-kambjali hija l-pern tal-istitut, tant li ġie ritenut illi:*

*"Appena kambjala tiġi ammessa, tiġi krejata obligazzjoni 'ad hoc', għal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li setgħet ippreċedietha. Għalhekk f'kawża bħal din, l-eċċezzjonijiet ammissibbli huma ġeneralment limitati għall-kambjala nnifisha u bħala regola m' għandhomx jiġu permessi eċċezzjonijiet li jikkonċernaw obligazzjonijiet preċedenti.*

*Fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eċċezzjonijiet li jikkontestaw il-validita' formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wiċċ tagħha inoltre f'xi waħda mill-elementi kostitwiti essenzjali tagħha kif trid il-liġi" (ara "Pool vs Mercieca deċiża mill-Prim'Awla fid-29 ta' Mejju 2003).*

*Jingħad ukoll:*

*"Kambjala toħloq l-obbligazzjoni ta' natura partikolari għaliex hija waħda indipendenti mill-causa obbligationis.*

*Tant hija awtonoma u indipendenti l-azzjoni kambjarja mill-obbligazzjoni li originat min-negozju li ta lok għall-ħruġ tagħha, li l-liġi stess, tirrestrinġi l-eċċezzjonijiet li setgħu jingħataw f'azzjoni għall-pagament tagħha. L-Artikolu 198 tal-Kodiċi ta' Kummerċ jipprovdi illi setgħu biss jingħataw f'azzjoni kambjarja:- (1) L-eċċezzjonijiet li huma personali għall-possessur tal-kambjala li ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha jekk ma jkunx dwar krediti likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja. (2) Li jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha u sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala bil-garanzija jew mingħajrha, skont kif jidhrilha l-Qorti, m'ghandhiex tkun imdewma" ("Busietta vs Attard", deċiża fid-9 ta' Frar 2001). Hija minħabba din l-awtonomija li l-liġi tipprovdi biss għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni f'każ biss ta' raġunijiet gravi. ……*

*Kif irriteniet il-Qorti fil-kawża "Michael Attard Limited vs Turista Limited" (deċiża fit-22 ta' Novembru 2012): "Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwestjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunjiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew tal-promissory note li tkun."*

*Imbagħad fil-każ fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 135/2012 fl-ismijiet Adrian Warrington vs Josef Galdes deċiż fit-30 t'April 201211 din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*"Il-Qorti trid tagħmilha ċara illi hija b'ebda mod m'għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi il-Qrati tagħna fir-rigward tal-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 tal-Kap 12 li hija simili għal din il-proċedura (naturalment hemm differenzi importanti għaliex l-Artikolu 836 jirrigwardja l-ħruġ ta' kontro-mandat) din għandha tkun waħda sommarja u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża "Camilleri vs Gove et" deċiża fl-10 ta' Mejju 2001: "mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja." (ara wkoll is-sentenza fil-kawża "Emanuel Sammut vs Josephine Sammut" deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003). F'sitwazzjoni bħal dik odjerna pero', billi r-rikorrenti jkun qed jitlob biss l-opportunita' li jikkontesta azzjoni kambjarja eventwali, il-Qorti tħoss ukoll li għandha tkun sodisfatta li dwar il-validita' tal-kambjala ut sic u li dwar iċ-ċirkostanzi rigwardanti l-ħruġ tagħha ma hemm ebda dubju ta' validita'. (Digriet ta' din il-Qorti fl-atti "Pecorella vs Sovereign Caterers", 11 ta' Marzu 2009 – dan il-ħsieb kondiviż mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 2012 għalkemm id-digriet ġie revokat għal raġuni oħra li m'għandhiex rilevanza f'dan il-każ.*

*Għalhekk il-Qorti trid tara jekk prima facie jeżistux raġunijiet, dejjem skond is-sub-artiklu msemmi mir-rikorrenti, biex il-Qorti tagħti ċans lir-rikorrenti li jikkontestaw din il-kawża eventwali, għaliex ma hemmx dubju li l-emenda li permezz tagħha l-kambjala saret titolu eżekuttiv kienet intiża biex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eċċezzjonijiet tal-intimat huma tassew limitati. Kwindi l-Qorti trid appuntu tara jekk l-intimat hemmhekk ikollux opportunita' jressaq b'suċċess dawn l-eċċezzjonijiet."*

*Fil-każ fl-ismijiet Henry Depasquale vs Publishers Enterprises Group (PEG Ltd) deċiż fis-16 ta' Diċembru 200812 ingħad hekk:*

*"Din il-Qorti kif presjeduta fil-kawża fl-ismijiet Briffa Giovanni vs Azzopardi Ronald deċiża fil-5 ta' Frar 2008 qalet: 'Illi minn qari akkurat ta' l-imsemmi sezzjoni jidher ċar li hemm żewġ bażi għaliex l-eżekuzzjoni tal-kambjala tista' tiġi sospiża u ċioe` li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju tagħha u sekondarjament fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi għall-oppożizzjoni ta' l-eżekuzzjoni.*

*F'dak il-każ il-persuna li teżiġi l-ħlas tkun trid tipproċedi b'kawża skond id-dispożizzjoni tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Il-liġi ma tispeċifikax x'inhuma rraġunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġislatur iżda intenzjonatament għax il-leġislatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet ikollha quddiemha l-Qorti għandha tilqa' t-talba jew le. Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l- istess liġi ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċożament topponi tali eżekuzzjoni."*

Magħmula dawn ir-referenzi ġurisprudenzjali huwa opportun li l-Qorti tevaluta l-provi li ġew mressqa lilha.

Fl-affidavit tiegħu[5] **Justin Haber** igħid li hu flimkien mas-soċjeta' Haber 16 Limited li tagħha hu direttur, kienu daħlu fi ftehim mas-soċjeta' Grenke għal ħlas ta' €60,000, permezz ta' pagament f'kambjali ta' €10,000 il-waħda, dovuti kull tlett xhur.  Dan il-pagament kien konness ma' negozju ta' restaurant bl-isem ta' Haber 16 ġewwa M'Xlokk.

[5] Folio 42

Igħid li hu mar biex iħallas l-ewwel kambjali b'cheque maħrug minn ċerta John Bonello li lilu, kellu jagħtih il-flus.

Igħid li dan Bonelllo kien ukoll sieħeb miegħu fir-restaurant imsemmi.

Igħid li dan ic-cheque ma ġiex aċċettat mis-soċjeta' kreditriċi u li nel frattemp l-imsemmi Bonello kien ħadlu l-kontroll tar-restaurant biex b'hekk hu spiċċa ma jistax jersaq lejn ir-restaurant, dan nonostante li baqa' jħallas il-kera tal-fond.

Jispjega li hu ma kompliex iħallas lil Grenke tad-dovut fuq il-kambjala minħabba l-fatt li ma kellux kontroll fuq ir-restaurant u ma kellux kontroll fuq il-qliegħ tal-istess.

Igħid li l-pagamenti dovuti kellhom isiru mill-qliegħ tar-restaurant.

Żid li hu ma kien isib ebda oġġezzjoni li Grenke jieħdu lura dak li għamlu u rrendew fir-restaurant.

Jinsisti li hu vittma ta' Grenke u John Bonello, in kwantu dawn it-tnejn għandhom l-istess konsulent legali, u li r-restaurant m'għadux *de facto* tiegħu.

Minn naħa l-oħra **Elisabetta Romanini**[6], li xehdet bil-lingwa Ingliża, spjegat illi bħala dierettur tas-soċjeta Grenke, li s-soċjeta' kienet ikkuntrattat ħames kuntratti mar-rikorrenti ta' dawn il-proċeduri, imma minħabba morożita' ta' pagamenti kienet kostretta li tipproċedi. Tispjega li kien reġa sar ftehim ieħor f'Novembru 2012 għas-saldu tal-ħlas kollu dovut, pero' Justin Haber kien mar b'cheque li kien f'isem ħaddieħor. Tixhed li inkwantu s-soċjeta' kreditriċi ma kellha ebda informazzjoni fuq dan il-pagament li ħareġ ic-cheque offrut, l-istess ic-cheque ma ġiex aċċettat. Għalhekk ftehmu ma' Haber li jmur l-għada b'cheque ġdid maħrug fuq ismu u minnu. Ġie mogħti aktar żmien biex jaffettwa l-pagamenti dovuti. Haber qatt ma mar b'dan il-pagament.

Tgħid ukoll li l-bilanċ dovut lis-soċjeta' Grenke minn dak in-nhar baqa' l-istess.

Jingħad ukoll illi qabel ma l-Qorti tevaluta l-fatti esposti fid-dawl tal-ġurisprudenza suċitata li għandha tiġi deċiża l-ewwel vertenza li biha l-intimata eżekutanta laqgħat għat-talba biex tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-kambjali de quo.

[6] Folio 46

Is-soċjeta' Grenke tgħid li l-proċedura inizjata minn Justin Haber u s-soċjeta' Haber 16 Ltd, dik tas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tal-kambjali, hija perenta bit-terminu in vista tal-fatt illi ġiet preżentata wara t-trapass ta' għoxrin jum minn notifika tal-ittra uffiċjali skont il-preċett tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta: dan stante li s-soċjeta' ġiet notifikata fil-11 ta' April, 2022 u r-rikors in eżami ġie preżentat *fouri termine*, ukoll skont din id-difiża ġialadarba Justin Haber għażel li jippreżenta dan ir-rikors, li hu għandu jiġi meqjus ukoll bħala notifikat, allura identikament skadilu t-terminu.

Grenke għalhekk issostni li l-azzjoni hija *fuori termine* dettat mill-proviso tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12.

Dan jaqra hekk:-

"*B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-*

*firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.*

*L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso;"*

Skont id-deċiżjoni fl-ismijiet **Princess Holdings Ltd vs Wesley Kock**[7] intqal dan fir-rigward:-

> *"Skont l-**artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex kambjala maħruġa skont il-**Kodiċi tal-Kummerċ** titqies bħala titlu esekuttiv, hemm bżonn li l-ewwel tintbagħat ittra uffiċjali lid-debitur minħabba li dan ma jkunx għadu wettaq il-ħlas sad-data indikata fil-kambjala. Il-liġi trid ukoll **taħt piena ta' nullità**, li f'din l-ittra uffiċjali jitniżżel avviż li bih min jitlob li jsir il-ħlas jgħarraf lid-debitur bil-jedd tiegħu li jopponi għal dik it-talba għall-ħlas, fi żmien għoxrin jum min-notifika lilu talistess ittra u dan billi jressaq rikors li biha jopponi għall-esekuzzjoni tal-kambjala*

[7] Fl-atti tal-ittra uffiċjali 4650/2021 datata 29/10/21 digriet datat 20/12/2021.

*(ara **Gaffarena Holdings Limited v. Seaborg Co. Ltd** deċiża mill-Prim'Awla tal-**Qorti Ċivili fis-7 ta' Frar, 2008);"***

F'din id-deċiżjoni ta' l-aħħar imsemmija intqal li:-

*"L-**ewwel raġuni** hi li l-mittenti Gaffarena naqset li tavża kif imiss lil Seaborg dwar il-jedd mogħti lilha biex tattakka tali kambjala kif imfisser fil-proviso tal-artikolu 253(e) tal-Kodiċi. L-għaref difensur ta' Seaborg tenna, waqt it-trattazzjoni tal-għeluq, li l-ittra uffiċjali ma ssemmix kelma b'kelma dak li jingħad fil-proviso tal-artikolu 253(e) tal-Kodiċi, u għalhekk littra uffiċjali ma tiswiex. Din ir-raġuni tinbena fuq l-artikolu 789(1)(d) tal-Kodiċi tal-Proċedura;*

*Illi l-Qorti ssib illi dan l-ilment m'huwiex mistħoqq. Il-liġi trid li l-intimat, f'ittra uffiċjali bħal dik, ikun imwissi sewwa dwar x'inhu l-jedd tiegħu biex jikkontesta f'waqtha t-talba għall-ħlas u biex jevita li dik il-kambjala ssir titolu eżekuttiv. Il-liġi ma tgħidx li kliem il-liġi jrid jiġi riprodott fuq dik l-ittra uffiċjali. Fejn il-liġi riedet riproduzzjoni fidila ta' twissija, qalitu u ordnatu[8]. Fil-każ tal-ittra uffiċjali biex tirrendi eżegwibbli titolu eżekuttiv fis-sura ta' kambjala jew promissory note, il-liġi ma għamlitx l-istess. Fl-ittra uffiċjali mressqa minn Gaffarena lil Seaborg, it-twissija hija waħda ċara, ssemmi l-elementi kollha meħtieġa biex*

[8] Ara, per eżempju, art. 156(1)(d) tal-Kap 12

*lintimata Seaborg tagħraf kif tirregola ruħha, u, fil-fatt jirriżulta li Seaborg għarfet tirregola ruħha fiż-żmien, tant li ressqet din il-proċedura;"*

Huwa ċar li l-liġi trid li ssir din in-notifika biex tiġi reża eżegwibbli l-kambjala biex id-debitur fl-ewwel lok jagħraf jirregola ruħu fuq dak li ġia huwa titolu eżekuttiv u tnejn jingħata l-opportunita' li fiż-żmien perentorju mogħti lilu bil-liġi biex jaġixxi u fil-limiti li tagħtih il-liġi, jitlob is-sospensjoni ta' din l-eżekuzzjoni.

Issegwi li jekk din l-ittra uffiċjali ma ssirx allura dan in-nuqqas jolqot l-eżegwibilita' tal-kambjala. Tant li l-ittra uffiċjali hija wkoll nulla jekk il-mittent ma javżax lill-eżekutat bid-drittijiet tiegħu taħt il-proviso ċitat.

**Darba notifikat b'din l-ittra uffiċjali l-eżekutat huwa mogħti għoxrin jum biex jattakka l-eżekuzzjoni**.

Dan huwa terminu tassattiv ta' dekadenza, mhux wieħed prolongabbli.

Ikkunsidrat ulterjorment.

**Il-Qorti kienet ġia ordnat fl-ewwel digriet tagħha li tiġi esebita lilha kopja tal-ittra uffiċjali riferuta fil-proviso tal-artikolu 253(e), fatt dan li ma sarx.**

**Fil-fatt ħadd mill-partijiet ma jidher li kellu interess jressaq din il-prova.**

Rat li mis-sistema digitali tal-Qorti li l-ittra uffiċjali li xprunat dawn il-proċeduri ġiet notifikata lil Haber 16 Ltd fl-10 ta' Marzu, 2022. Ir-rikors in eżami ġie preżentat minn din is-soċjeta' fil-11 ta' April, 2022, allura ferm *fuori* t-terminu ta' l-għoxrin jum dettat bil-liġi. Dan japplka biss sa fejn jirrigwarda s-soċjeta' Haber 16 Limited.

Minn naħa l-oħra l-intimata Grenke tinsisti li ġialadarba Justin Haber għażel li jintavola r-rikors in eżami għas-sospensjoni, li għandu jiġi meqjus li ġie notifikat personalment ukoll bl-istess ittra uffiċjali, presumibbilment fl-istess data tan-notifika tas-soċjeta' eżekutata.

Il-Qorti ma taqbilx ma' din l-eċċezzjoni fejn si tratta Justin Haber. Il-liġi hija ċara u riedet li mhux biss issir ittra uffiċjali biex isir eżegwibbli t-titolu eżekuttiv, imma li tiġi notifikata lill-eżekutat u li jkun fiha taħt piena ta' nullita' l-avviż ta' l-għoxrin jum biex jitressaq ir-rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-

kambjala. Allura mhux biżżejjed kif targumenta s-soċjeta' Grenke li Justin Haber ressaq dan ir-rikors, biex hu seta' jagħmel dan ried bilfors ikun notifikat kif trid il-liġi biex b'hekk jibda wkoll jiddekorri t-terminu biex jitlob din is-sospensjoni li jekk milqugħa hija inappellabbli. Jiġi mifhum illi:-"*L-att gudizzjarju mhux mehtieg biex irendi l-att bhala wiehed ezekuttiv, ghax dan tirrendih hekk il-ligi stess. Hija l-ezekwibbilita` tieghu li tista' ssir b'zewg metodi skont iz-zmien li jkun ghadda minn fuq it-titolu.*"[9]

Skont is-sistema digitali tal-Qorti Justin Haber ġie notifikat, għax tħallset żieda, fid-data tal-21 ta' April, 2022, huwa minn hemm beda jgħaddi t-terminu tiegħu biex jitlob id-debita sospensjoni, mhux minn qabel. It-talba odjerna tiegħu hija meqjusa intempestiva.

Dawn imsemmija huma termini li l-liġi tistabbilixxi biex tassigura l-effett u l-effikaċja ta' titoli eżekuttivi. Huma termini perentorji u ta' natura pubblika li ma jistgħux jiġu maħruba jew kommodament manipulati, minn ebda parti.

Detto ċioe' u bla preġudizzju għal dak premess, ukoll wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Grenke, għax ir-rikorrenti kienu karenti f'dan, tqis ukoll li kieku kellha tqies it-talba mil-lat ta' *"raġuni gravi"* li titlob il-liġi, dan ukoll ma

[9] Qorti ta' l-Appell Superjuri fl-ismijiet **Joseph u Margaret konjugi Gatt u b'digriet tas-17 ta' Ġunju 2020 stante l-mewt ta' Joseph Gatt l-atti ġew trasfużi f'isem martu Margaret Gatt v. Peter u Doris konjuġi Agius**

ġie b'ebda mod pruvat lilha. Il-fatt li Justin Haber ġie svestit mill-ġestjoni tar-restaurant ma teżonerah qatt mill-obbligi tiegħu.

**Konsegwentement il-Qorti qegħda minħabba r-ragunijiet premessi tiċħad din it-talba għas-sospensjoni, in kwantu għas-soċjeta' Haber 16 Limited in kwantu r-rikors minnha mressaq huwa inproponibbli għax huwa *fouri terminu*, in kwanti għal Justin Haber għax ma kienx għadu debitament notifikat kif titlob il-liġi allura l-azzjoni tiegħu hija intempestiva, u dan mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rikors ieħor li seta' ressaq Justin Haber fit-termini stabbiliti.**

**In kwantu spejjeż tqies li dawn għandhom ikunu a kariku tar-rikorrenti eżekutati.**

**Imħallef Miriam Hayman**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**